MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1271/1995/1

**Anthony u Silvio Borg u b'digriet tas-17 ta' Novembru 1999 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Leonarda armla ta' Antonio Borg, Silvio Borg, Josette mart Mario Cutajar u Lina mart Mario Borg, sabiex ikomplu l-kawza minflok Anthony Borg, li miet fil-mori tal-kawza**

**v**

**Paul Falzon u Gaetano Abdilla fil-kwalità taghhom ta' diretturi tas-socjetà F and A Quarries Limited kif debitament awtorizzati ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess, Paul Falzon fil-kwalità tieghu ta' direttur**

**tas-socjetà Tlata Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess kif debitament awtorizzat**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi l-imsemmi Anthony Borg huwa ko-proprjetarju tal-ghalqa maghrufa bhala *Ta’ Gebel Ciantar* fi triq bla isem kantuniera ma’ sqaq bla isem fis-Siggiewi tal-kejl ta’ cirka tomnejn u nofs (2T 3S); illi din l-ghalqa in kwistjoni hija ko-proprjetà tieghu ma’ hutu u mal-kugini w gejja mill-wirt tan-nanniet taghhom Luigi w Giuseppina Bezzina; illi din l-art in kwistjoni sal-1976 kienet gabillata lil certa familja mis-Siggiewi isimhom u kunjomhom mhux maghruf li jsibhom (*sic*) bhala *Tad-Dajku* u dan bil-qbiela ta’ Lm1; illi wara l-1976 l-art in kwistjoni kienet tigi wzata minn Silvio Borg, l-attur l-iehor ghall-insib u ilha hekk tigi wzata ghal dawn l-ahhar 17 il-sena; illi fil-5 ta’ Settembru 1995 l-intimati (*sic*) jew persuni minnhom mqabbda b’mod abbuziv u illegali qabdu w dahlu fl-art in kwistjoni w bdew iham(m)luha mill-hamrija li hemm fl-ghalqa; illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll tad-drittijiet tal-atturi kif ukoll intralc ta’ drittijiet proprjetarji tal-attur Anthony Borg; illi kien jinhtieg illi minnufih il-konvenuti jew nies imqabbda minnhom jigu inibiti milli jidhlu fl-art in kwistjoni; illi l-atturi hargu mandat ta’ inibizzjoni numru 3842/95 kontra l-konvenuti liema mandat gie akkolt minn dik il-Qorti; talbu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: (1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti u/jew nies imqabbda minnhom qabdu u dahlu fl-ghalqa maghrufa bhala *Ta’ Gebel Ciantar* fil-limiti tas-Siggiewi fi triq bla isem, kantuniera ma’ sqaq bla isem tal-kejl ta’ cirka tomnejn u nofs u dan ad insaputa tal-atturi w ikkostitwixxi spoll a tenur tal-ligi; (2) tikkundanna lill-konvenuti jirripristinaw l-ghalqa *Ta’ Gebel Ciantar* fil-limiti tas-Siggiewi, fi triq bla isem kantuniera ma’ sqaq bla isem tal-kejl ta’ cirka tomnejn u nofs fl-istat pristinu taghha w dan fi zmien qasir u perentorju; (3) fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi biex a spejjez tal-konvenuti jaghmlu x-xogholijiet kollha necessarji biex jirripristinaw l-ghalqa *Ta’ Gebel Ciantar* fil-limiti tas-Siggiewi fl-istat pristinu taghha jekk

hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi; (4) tikkundanna lill-konvenuti jew il-mandatarji taghhom (*sic*) biex jigu inibiti permanentement milli jidhlu fl-ghalqa maghrufa bhala *Ta' Gebel Ciantar* fil-limiti tas-Siggiewi ta' cirka tomnejn u nofs li hija ko-proprjetà tal-attur Anthony Borg u qed tigi mahduma mill-konvenut Silvio Borg (*sic*) kif ukoll biex jieqfu milli jaghmlu xogholijiet ta' thammil, tkissir ta' blat jew b'xi mod iehor ibiddlu l-istat prezenti tal-konfigurazzjoni tal-ghalqa in kwistjoni w dan skond il-mandat ta' inibizzjoni numru 3842/95; bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3842/95 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti nomine ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata minn Silvio Borg, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Gaetano Abdilla ghan-nom ta' F & A Quarries Limited illi permezz taghha eccepixxa:

Illi s-socjetà eccipjenti ma ghamlet l-ebda xoghol fl-art imsemmija fic-citazzjoni. Ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Gaetano Abdilla u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta Tlata Limited illi permezz taghha eccepiet:

Illi ma jeziztux ir-rekwiziti tal-azzjoni tal-ispoll, stante illi l-atturi ma kienux fil-pussess tal-ghalqa fid-data minnhom imsemmija, u inoltre l-eccipjenti kienet ilha fil-pussess tal-art in kwistjoni u bhala ko-proprjetarja tal-ghalqa in kwistjoni ghandha kull dritt tezercita d-dritt taghha bhala ko-proprjetarja, in(k)luz dak illi tidhol fil-propjetà in kwistjoni u taghmel kull att illi jzomm l-istess propjetà fi stat nadif u tajjeb;

Illi rigward r-raba' talba in kwantu indirizzata lil "mandatarji" tal-konvenuti, din ma tistax tigi milqugha ghax m'hemmx il-legittimu kontradittur;

Illi r-raba' talba in kwantu hija ta' natura petitorja tirrikjedi illi preliminarjament illi l-atturi jipprovaw it-titolu taghhom ghall-art in kwistjoni, u fil-meritu it-talba ma tistax tigi milqugha peress illi l-eccipjenti ghandu dritt juza l-propjetà *de quo* bhala ko-proprjetarju, mentre inveci it-talba attrici hija fis-sens illi hu jigi inibit ghal dejjem milli jaghmel uzu minnha minkejja illi huwa ko-propjetarju taghha ukoll;

Illi f'kull kaz l-attur Silvio Borg ma ghandu ebda interess jew titolu fl-art *de quo* (anki l-premessi tieghu f'dan is-sens huma konfliggenti);

Illi qabel ma l-Qorti tipprocedi bis-smigh tal-kawza l-atturi ghandhom jipprezentaw kopja tad-denunzja jew denunzji tas-successjoni skond l-artiklu 63 tal-Att numru XVII tal-1993;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjetà konvenuta Tlata Limited, guramentata minn Paul Falzon, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu, 2002 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
**"… filwaqt li tichad ir-raba' talba attrici stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u guridikament inkoncepibbli f'kawza ta' spoll, u ghalhekk tilqa' t-tielet eccezzjoni tas-socjetà Tlata Limited, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tas-socjetajiet konvenuti, tilqa' l-ewwel tlett (3) talbiet attrici b'dan li:-**

**1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetajiet konvenuti qabdu u dahlu fl-ghalqa maghrufa bhala *Ta' Gebel Ciantar*, fil-limiti tas-Siggiewi fi triq bla isem, kantuniera ma' sqaq bla isem tal-kejl ta' cirka tomnejn**

**u nofs, u dan ad insaputa tal-atturi u kkommettew spoll a tenur tal-ligi;**

**2. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti Tlata Limited u F & A Quarries Limited jirripristinaw l-ghalqa *ta' Gebel Ciantar* fil-limiti tas-Siggiewi, fi triq bla isem, kantuniera ma' sqaq bla isem, tal-kejl ta' cirka tomnejn u nofs, fl-istat prestinu taghha u dan billi jergghu jaghmlu fl-istess ghalqa d-dura u l-mansab li kien hemm u b'dan li l-wicc tal-istess art jerga' jitqieghed kif kien qabel ma thammel u inqata' l-blat mis-socjetajiet konvenuti, u wkoll jerga' jigi reintegrat l-access li l-istess atturi kellhom ghall-istess ghalqa u dan kollox taht is-supervizjoni u d-direzzjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri, li qed jigi nominat minn din il-Qorti ghal dan l-iskop u dan fi zmien qasir u perentorju ta' tmenin (80) gurnata mid-data ta' din is-sentenza;**

**3. Fin-nuqqas li s-socjetajiet konvenuti jezegwixxu x-xogholijiet mehtiega fiz-zmien perentorju hawn fuq prefiss, l-atturi huma awtorizzati sabiex a spejjes tal-istess socjetajiet konvenuti jaghmlu x-xogholijiet kollha necessarji fis-sens fuq premess sabiex jirripristinaw l-ghalqa *Ta' Gebel Ciantar* fil-limiti tas-Siggiewi fl-istat pristinu taghha, u dan ukoll taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri li qed jigi nominat ghal dan l-iskop, a spejjez wkoll tal-istess socjetajiet konvenuti;**

**Bl-ispejjez kollha a karigu tal-istess socjetajiet konvenuti Tlata Limited u F & A Quarries Limited";**

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI</u>**

"**A. <u>PRINCIPJI LEGALI</u>**

**"Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, ibbazati fuq l-Artikolu 534 tal-Kap 16 u l-artikolu 791**

**tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u huma bbazati fuq it-tlett rekwisiti tal-*actio spolii* u cioè:**

**i)** ***Possedesse***

**ii)** ***spoliatum fuisse***

**iii)** ***infra bimestre deduxisse***

**"Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet *Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said* (Citazzjoni numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u *Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe* (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-**

**"(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjetà jew servitù, izda anke *purament materjali jew di fatto*, izda mhux ta' mera tolleranza (*Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine* - App. 26 ta' Jannar 1996).**

**"(b) 'L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest' (*Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna* - P.A. H.H. 21 ta' Frar 1983), però '*pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll*' (Vol. XXXVII. p. II, pg. 642); b'dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (*Camilleri vs Giglio* - Vol. X - p. 55, 56).**
**"In effetti fis-sentenza *Marthese Borg vs Gorg Borg* (P.A. - 25.2.93) inghad li:**

**'*L-univocità ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spoljattiva tal-pussess stess*.'**

**“Illi dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet *Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut* (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta’ April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:-**

**‘*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b’mod konklussiv li kellu un possesso di fatto u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta’ fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta’ din l-azzjoni*.’ (*Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius* - P.A. 5 ta’ Ottubru 1992).**

**“(c) Illi a bazi tal-Artikolu 791(3) tal-Kap 12, il-Ligi tipprovdi tassattivament li :-**
**‘*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-att tal-ispoll*.’**

**“Hekk il-kawza *Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et* (P.A. FGC - Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta’ Gunju 1998 gie riaffermat li:-**

**‘*Il-ligi taghna fl-azzjoni ta’ spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta’ pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta’ spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f’ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x’jghidu guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*’ (*Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone* - Appell 9.3.1992).**

**Tal-istess portata hija s-sentenza *Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar* (Citazzjoni numru 1441/97/FGC tat-23 ta’ Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentuat li:-**

**‘*Din l-azzjoni ta’ spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta’ fatt arbitrarjament u hija intiza***

***unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*'**

**kif jghid bl-aktar mod car l-Artikolu 791(1) tal-Kap 12 li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.**

**"(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volontà tal-pussessur b'mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (*Joseph Scerri vs Spiridione Falzon* - P.A. 24.1.1958; *Joseph Vella vs Salvu Micallef* - P.A. JSP 30.4.1991).**

**"(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet dilatorji (*Margherita Fenech vs Paolo Zammit* - P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; *Carmelo Sacco vs Paul Sacco* - Appell 23.1.1998).**

**"(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabilit fis-sentenza *Alfred Pisani et vs Victor Farrugia* (P.A. FGC - 21 ta' Jannar 1994).**

**'*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b'din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv*.'**

**"(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir '*fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv*', b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza *Norman Vassallo vs Filomena Esposito* (A.C. - 18 ta' Gunju 1993) inghad li:**

**'*meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccipjenti ghaliex skond***

***l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah*.'**

**"Illi minbarra dan dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet *N.M.J. Agius vs. A. Said* (P.a. RCP 13 ta' Jannar 1999 Citaz. Numru 2426/97/RCP); *Joseph Mary Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri nomine* (P.A. 26 ta' April 1999 Citaz. Nru. 1704/98/RCP); *Dr. René Frendo Randon vs David Sciberras* (P.A. 20 ta' Mejju 1999 Citaz. Nru. 2459/98/RCP); *C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited* (P.A. 1 ta' Lulju 1999, Citaz. Nru. 1596/98/RCP); *Maria Concetta Lando vs Eugenio Galea* (P.A. 15 ta' Gunju 1999, Citaz. Numru 610/99/RCP); *Christine Ward vs Neville Ward* (P.A. 13 ta' Lulju 1999, Citaz. Numru 2o82/98/RCP); *Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar* (P.A. 30 ta' Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); *Alan McKay vs Jacqueline McKay* (P.A. 27 ta' Jannar 2000, Citaz. Numru 1660/98/RCP); *Salvu Gauci vs Gaspare Psaila* (P.A. 11 ta' April 2000, Citaz. Numru 1887/97/RCP); *Abela vs Abela* (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); *John Saliba vs Joanne Refalo* (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); *Anthony Micallef vs Doris Micallef* (P.A. 2 ta' Mejju 200, Citaz. Numru 1167/99/RCP); *Carmelo Fenech vs Joseph Vella* (P.A. RCP. 3 ta' Ottubru 2000); *Carmelo Mifsud vs Giuseppi Schembri* (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000); *Clive Simpson vs Louis Muscat et* (P.A. 13 ta' Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); *Neville Xuereb vs Raymond Aquilina* (P.A. RCP 14 ta' Marzu 2001); *Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine* (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP); *NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine* (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); *Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma* (P.A. RCP 26 ta' April 2001); *Mark Napier vs André Bianchi* (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); *Michael Fenech vs Licari Estates Limited et* (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP); u *Paul Carbonaro vs Norman Dimech* (P.A. 12 ta' Lulju 2001 - Citaz.**

**Numru 632/98/RCP); *Rita Micallef vs Paul Galea* (P.A. (RCP) 10 ta' Jannar 2002); *Paul Farrugia vs Innocenza sive Censina Sammut* (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2002); *Angelo Abela vs Mattew Degabriele et* (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002); *Tereza Cachia vs Joseph Caruana* (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002);**

"**B. <u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPJI GHALL-KAZ *DE QUO*</u>**

**"Illi l-atturi ntavolaw din il-kawza wara li, skond huma, allegaw li fil-5 ta' Settembru 1995 niesw inkarigati mis-socjetajiet konvenuti *F & A Quarries Limited* u *Tlata Limited* bdew ihammlu l-ghalqa maghrufa bl-isem *Ta' Gebel Ciantar*, tal-kejl ta' cirka tomnejn u nofs (21/2 T.), li tinsab fi triq bla isem fis-Siggiewi.**

**"Illi s-socjetà konvenuta *Tlata Limited* ammettiet li hija tassew wettqet xogholijiet f'din l-ghalqa, izda hija qed tinsisti li kellha kull dritt taghmel dan peress li tivvanta titolu ta' ko-proprjetà fuq din l-ghalqa u dan kif jirrizulta min-nota tal-eccezzjonijiet taghha fejn sostniet:-**

**'*Illi ma jezistux ir-rekwiziti tal-azzjoni tal-ispoll, stante li l-atturi ma kienux fil-pussess tal-ghalqa fid-data minnhom imsemmija, u inoltre l-eccipjenti kienet ilha fil-pussess tal-art in kwistjoni u bhala ko-proprjetarja tal-ghalqa ghandha kull dritt tezecita d-dritt taghha bhala ko-proprjetarja, inkluz dak li tidhol fil-proprjetà in kwistjoni u taghmel kull att illi jzomm l-istess proprjetà fi stat nadif u tajjeb*'.**

**"Illi apparti dan, l-istess socjetà *Tlata Limited* tghid li hija kienet ilha fil-pussess tal-ghalqa sa mis-sena 1993 u dan meta bdiet tuza din l-ghalqa sabiex tghaddi ghall-barriera kontigwa proprjetà taghha.**

**"Illi in effetti Paul Falzon, direttur tal-istess socjetà *Tlata Limited* xehed illi bdew jghaddu minn din il-ghalqa xi xhur qabel ma akkwista sehem indiviz minnha, u li huwa qatt ma ra lil hadd jahdem l-ghalqa**

**jew jonsob fiha, u li qatt ma kien ra lill-attur Silvio Borg ghajr meta dan Silvio Borg mar jikkonfrontah dakinhar li kien qieghed isir it-thammil.**

**"Illi l-attur Anthony Borg, u imbaghad is-successuri fit-titolu tieghu li assumew l-atti wara l-mewt tieghu waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, min-naha taghhom, jghidu li huma s-sidien ta' sehem indiviz minn din l-ghalqa, sehem li huma wirtu minghand l-antenati taghhom. Il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax tonqos milli tirrileva illi minkejja li l-atturi spjegaw f'mod dettaljat kif wirtu dan is-sehem indiviz (*sic*).**

**"Illi l-attur Silvio Borg jghid li huwa kien ilu jonsob fuq din l-art ghal tal-anqas sbatax (17)-il sena qabel ma xehed f'dawn il-proceduri, u li qatt ma gie ddisturbat f'dan il-pussess. Silvio Borg jispjega kif l-ewwel darba li sehhet xi vjolazzjoni ta' dan id-dritt kien meta l-atturi [*recte*: il-konvenuti] qabbdu lin-nies ihammlu l-ghalqa fil-5 ta' Settembru 1995. Huwa spjega kif dakinhar huwa kien ikkonfronta lill-haddiema li kienu qeghdin iwettqu x-xogholijiet fil-prezenza ta' Paul Falzon, direttur tas-socjetà *Tlata Limited*. Silvio Borg kien sahansitra ghamel rapport formali mal-Pulizija Ezekuttiva sabiex jigu inizjati l-proceduri mehtiega kontra s-socjetajiet konvenuti.**

**"Illli f'din il-kawza l-Qorti hija rifaccjata b'zewg verzjonijiet totalment differenti dwar min kellu l-pussess tal-ghalqa meta dina giet imhammla, biz-zewg nahat jghidu li kellhom il-pussess taghha, u huwa ghalhekk mehtieg li tigi ezaminata l-kredibilità tax-xhieda sabiex jigi stabbilit liema verzjoni hija dik veritjera.**

**"Illi fl-*affidavit* li gie pprezentat fis-7 ta' Ottubru 1996 l-attur Anthony Borg (illum mejjet) spjega kif huwa u hutu ssuccedew lill-missierhom bhala proprjetarji ta' porzjon indiviza ta' din l-art, filwaqt li l-kugini tieghu kienu wkoll is-sidien ta' pozjoni ohra indiviza. Huwa xehed illi ghal xi zmien din l-art kienet imqabbla ghand terzi, izda wara li telquha bdiet tinhadem minn**

**Luigi Borg, missier l-attur. Wara l-mewt ta' missieru, l-ghalqa bdiet tinhadem mill-attur u huh Giuseppe Borg, izda meta dawn xjahu kien iben l-attur Silvio Borg li beda juza l-ghalqa sabiex jonsob minnha. Skond Anthony Borg, ibnu kien ilu 17-il sena jonsob f'din l-ghalqa. Dina il-verzjoni hija essenzjalment kkonfermata minn Giuseppi Borg, hu l-attur, fl-*affidavit* tieghu.**

**"Illi l-attur Silvio Borg, li xehed fis-16 ta' Ottubru 1996, ukoll ikkonferma din il-verzjoni. Huwa jghid li l-ghalqa kien fiha zew[g]t imnasab, liema mnasab gew demoliti mis-socjetajiet konvenuti. Silvio Borg zamm ferm il-verzjoni tieghu anke meta sarlu l-kontro-ezami fis-seduta tas-16 ta' Frar 1997.**

**"Illi f'dan l-istadju l-Qorti tirrileva illi s-socjetajiet konvenuti naqsu milli jaghmlu l-kontroezami ta' Anthony Borg, u dan minkejja n-nomina appozita ta' Imhallef Supplenti, u ghalhekk il-verzjonijiet tieghu u ta' huh Giuseppe Borg fl-ebda mod ma gew kontradetti.**

**"Illi fl-*affidavit* tieghu Gaetano Abdilla allega u spjega kif is-socjetà *F & A Quarries Limited* ma kellha assolutament [xejn] x'taqsam ma' x-xogholijiet li minhabba fihom saret din il-kawza, u mill-provi kumplessivi l-ohra din il-Qorti hija sodisfatta li waqt li jidher li huwa personalment ma kellu x'jaqsam xejn f'din il-kwistjoni, u dan ghaliex almenu fil-konfront tieghu ma ngabu ebda provi, però min-naha l-ohra jidher li huwa kien ghadu involut bhala direttur tas-socjetà *F & A Quarries Limited,* tant li l-applikazzjoni tal-permessi ghall-istess xoghol saru mill-istess socjetà u fuq inkarigu taghha kif jirrizulta mix-xhieda ta' Paul Vella tas-7 ta' April 2000, li sostna testwalment li dan ix-xoghol sar fuq inkarigu ta' Paul Falzon li thallas mis-socjetà *F & A Quarries Limited*.**

**"Illi huwa veru li fl-*affidavit* tieghu Gaetano Abdilla jghid li '*Qabel Ottubru 1993 s-socjetà F & A Quarries Limited kellha sehem mill-barriera li tmiss mal-ghalqa***

***tal-atturi li dwarha nfethet din il-kawza … … …  Jiena ma kontx naf x'kin qieghed jigri fl-ghalqa tal-atturi li dwarha titratta din il-kawza*'.  Izda l-Qorti tinnota li l-istess Gaetano Abdilla lanqas gie mharrek fil-kwalità personali tieghu izda bhala direttur tas-socjetà konvenuta hawn indikata.**

**"Illi min-naha l-ohra, fl-*affidavit* ipprezentat fl-1 ta' Marzu 2001, Paul Falzon jghid li '*kull ma kien hemm fl-ghalqa kienet dura*'.  Jigi rilevat illi waqt il-kontroezami tieghu Paul Falzon baqa' jtenni diversi drabi li ma kien hemm l-ebda dura fl-ghalqa u ghalhekk qatt ma setghet giet demolita xi dura.  Huwa jghid ukoll li l-art kull ma kien fiha kien biss terrapien u huwa kien qieghed inaddaf l-ghalqa minn dan it-terrapien, haga li sostna wkoll fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu.**

**"Illi dan huwa kontradett mill-persuna li kienet effettivament inkarigata twettaq ix-xogholijiet, u fil-fatt Paul Vella jixhed (fol. 91 *et seq*.) li huwa kien inkarigat minn Paul Falzon sabiex jaghmel dawn ix-xogholijiet, u li x-xoghol li kellu jwettaq kien li '*kellna nnehhu l-hamrija minn wicc ir-raba' biex dan ir-raba' jkun jista' jservi ta' barriera u waqt li nkunu qeghdin innehhu din il-hamrija jkun hemm ukoll xoghol ta' tqattiegh ta' blat*'.  Li fl-ghalqa kien hemm il-hamrija huwa wkoll ikkonfermat minn Franco Pisani, rapprezentant tal-Awtorità tal-Ippjanar, li wkoll irrefera ghall-applikazzjoni fuq l-istess art li tinsab esebita bhala Dok. FP1 a fol. 110 tal-process fejn jidher li l-applikazzjoni saret ghan-nom tal-istess socjetà *F & A Quarries Limited*.**

**"In vista ta' dawn id-diskrepanzi fix-xhieda ta' Paul Falzon, u wkoll in vista tax-xhieda evasiva tieghu fil-kontro-ezami tieghu tas-26 ta' Gunju 2001 fejn ma tantx jidher li ftakar fuq ix-xoghol li sar fuq inkarigu tieghu u l-ambjenti u x-xoghol li sar minnu nomine fuq l-istess ghalqa, u fil-kuntest tax-xhieda cara u skjet[t]a tal-attur Silvio Borg, din il-Qorti hija konvinta li l-versjoni tal-atturi hija hafna iktar kredibbli, konsistenti**

**u korroborata mix-xhieda l-ohra prodotta, inkluza dik indipendenti minnu ta' Paul Vella.**

**"Illi in vista ta' dan jirrizulta lil din il-Qorti li l-attur Silvio Borg kellu effettivament il-pussess tal-istess ghalqa li kien jonsob fiha u dan ghal snin twal ta' l-fuq minn sbatax (17)-il sena u li f'azzjoni bhal din ta' spoll pprivilegjat huwa immaterjali t-titolu tal-istess attur jew atturi fuq l-istess art, ghaliex li jrid jipprova l-attur f'din il-kawza huwa biss il-fatt tal-pussess, li jinkludi wkoll il-mera detenzjoni, hija x'inhi l-pretensjoni fuq d-dritt dwar l-istess, ghax l-ezami tal-istess dritt ma huwiex il-mertu ta' din l-azzjoni.**

**"Illi jidher ukoll li s-socjetajiet konvenuti, cioè *Tlata Limited ex admissis* kif jidher mill-eccezzjonijiet taghha, u wkoll is-socjetà *F & A Quarries Limited* tramite l-istess Paul Falzon dahhlu fl-istess ghalqa f'Settembru tas-sena 1995 u hemm kissru d-dura u l-imnasab li kien hemm u wkoll qatghu l-blat u hammlu l-istess art, b'dan ukoll li ghalqu w eliminaw iz-zewg accessi li l-istess attur Silvio Borg kellu ghall-istess art, u dan fih innifsu jikkostitwixxi l-ispoll allegat mill-atturi, stante li tali xoghol sar mill-istess socjetajiet konvenuti, anke tramite terzi persuni, minghajr il-kunsens tal-istess atturi, li kienu qed jipposedu l-istess ambjenti.**

**"Illi ghal din il-kawza huwa mmaterjali li l-istess konvenuti sostnew li huma kellhom id-dritt fuq l-istess ghalqa, u anke ttentaw iressqu provi dwar it-titolu taghhom fuq l-istess art, stante li dan ma ghandhu ebda importanza fuq l-ezitu tal-kawza possessorja, anzi tali azzjoni hija mmirata sabiex telimina li persuna li tvanta xi dritt fuq xi proprjetà tiehu l-ligi b'idejha, u dan irendi tali azzjoni wahda ta' ordni pubbliku, li ma tittollerax li l-kwistjonijiet li jista' jkun hemm fuq xi pendenza jigu '*solvuti*' bil-ligi tal-gungla, u dan japplika fil-kazijiet kollha inkluzi dawk ta' ko-proprjetarji jew ko-possessuri tal-istess proprjetà; f'dan il-kuntest huwa wkoll principju generali li f'kaz ta' ko-proprjetà ma jistghux isiru**

**xogholijiet fuq l-istess haga minghajr il-kunsens tal-ko-proprjetarji l-ohra, u dan anke ghalhekk fil-petitorju, apparti l-kuncetti fuq esposti mill-lat ta' azzjoni possessorja, u iktar u iktar fl-azzjoni ta' spoll li ghalhekk hija imsejha bhala azzjoni privilegjata.**

**"Illi ghalhekk f'dan il-kuntest jinghad li anke kieku kien minnu li s-socjetà *Falzon and Schembri Limited*, jew is-socjetà *F & A Quarries Limited* ghal fini ta' din il-kawza, kienet is-sid ta' xi sehem indiviz mill-istess ghalqa, hija ma kellha assolutament l-ebda dritt tiddisturba l-pussess tal-atturi. Huwa minnu li kull ko-proprjetarju ghandu d-dritt li jaghmel uzu u jgawdi l-haga li jkun ko-proprjetarju taghha, izda dan ma jfissirx illi ko-proprjetarju ghandu d-dritt fi kwalunkwe mument u bi kwalunkwe mod li jidhirlu xieraq jiddepriva lil ko-proprjetarju iehor, li jkun qieghed jaghmel uzu mill-haga ossija proprjetà qablu, milli jkompli juzaha. Tali agir xorta wahda huwa spoljattiv, bhala ma huwa spoljattiv l-att ta' sid li jitturba u jiddisturba lill-pussessur tal-haga kemm jekk dan huwa proprjetarju tal-haga jew le.**

**"Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi '*din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss - kif jghid bl-aktar mod car l-artikolu 791(1), Kapitolu 12, li sfortunatament jigi hafna drabi injorat*'.**

**"Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u *de facto* tant li gie ritenut ukoll:-**

**'*hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u de facto, ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' propjetà jew ta' servitù fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni* (*Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles***

***Sant Fournier*** **- A.C. 12 ta' Dicembru 1952) ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt** ***Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna*** **- (P.A. 21 ta' Frar 1983) u** ***Marthese Borg vs George Borg*** **- (25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta'** ***mera tolleranza Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri*** **- (A.C. 26 ta' Jannar 1996).**

**"Illi fil-fatt kull pussess, benchè ippruvat huwa protett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimità tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri ta'** ***mala fede*** **u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll (*Saverio Farrugia vs Eugenio Borg* P.A. 31 ta' Marzu 1952).**

**"Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza** ***Joseph Scerri vs Spiridione Falzon*** **(P.A. 24 ta' Jannar 1958):-**

**'*Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volontà tal-ispoljat; u l-att ikun arbitraju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volontà tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att*'.**

**"Illi dan kollu jistabilixxi l-azzjoni tal-ispoll bhala azzjoni intiza ghaz-zamma tal-ordni pubbliku u ghar-*rule of law* tant li gie ritenut fis-sentenza** ***Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia*** **(A.C. 24 ta' Novembru 1957) li:-**

**'*L-azzjoni ta' reintegrazzjoni hija fondata fuq l-ezigenzi ta' l-utilità socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja; hija intiza ghall-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess sabiex jigi mpedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh, b'mod li ghandha bhala fini r-restawrazzjoni tal-pussess skonvolt jew turbat*

***… si tratta ta' disposizzjoni ta' ligi eminentement ta' ordni pubbliku, li ma tirrikjedix, generalment, il-vjolenza fuq il-persuna li tkun tiddetjeni l-haga jew li tkun tgawdi d-dritt, imma l-istess hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorità privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma setghax jezercitah u jezercieh minghajr l-intervent tal-Qorti*'.**

**"Illi minn dan kollu jirrizulta li l-azzjoni attrici ta' spoll giet definittivament ppruvata fil-konfront tal-istess socjetajiet konvenuti u ghalhekk l-ewwel tlett (3) talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.**

**"Illi fir-rigward tar-raba' talba attrici qed tintalab li l-konvenuti jigu inibiti permanentement milli jidhlu fl-ghalqa in kwistjoni u dan skond it-termini tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3842/95.**

**"Illi tali talba gie[t] kemm il-darba trattata mill-Qrati taghna fis-sens li tali talba ma tistax issir ghaliex l-atturi ma setghux jitolbu l-konferma perpetwa ta' mandat ta' inibizzjoni izda dak li jista' u ghandu jigi mitlub hu l-konferma ta' dritt kif jirrikjedi l-Artikolu 843 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u liema dritt ikun gie kawtelat permezz ta' mandat ta' inibizzjoni li minn natura tieghu [h]u wiehed kawtelatorju u hawn din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza *Licari Estates Limited vs Karnick Fashions Limited* (P.A. (RCP) tal-14 ta' Dicembru 2000).**

**"Illi fil-fatt fl-istess sentenza inghad li abbazi tal-Artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li huma applikabbli ghall-Mandat ta' Inibizzjoni, in forza tal-Artikolu 875, hemm stipulat *inter alia* illi '*ir-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-Mandat fi zmien sitt ijiem mill-kunsinna tal-avviz … … …*'.**

**"Illi dwar dan l-istess artikolu hemm diversi sentenzi li ippronunzjaw ruhhom fuq il-portata tal-istess artikolu**

**u senjatament il-kawza fl-ismijiet *Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina* deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 1991, fejn sostniet illi:-**

**'*Kull mandat kawtelatorju min-natura tieghu stess, ghandu validità u hajja, sakemm il-kreditur ikollu opportunità li jikkonkretizza l-kreditu tieghu f'titolu esekuttiv … … … u jippermetti jesegwixxi kreditu li b'hekk ma jkollux bzonn ta' aktar kawtela*'.**

**"Illi ghalhekk l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istess sentenza ghamlet id-differenza li tezisti bejn '*id-dritt ta' kawtela - cioè id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li jista' jigi kawtelat. Dawn huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed … … … Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m'huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa id-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat*'.**

**"Il-kwistjoni kollha hija li ma '*tikkonfondi l-kuncett ta' kawtela ma' dik ta' garanzija ta' drittijiet*'.**

**"Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet *Catherine Terrence Sullivan vs Adrian Stivala et* (K.F. 17 ta' Marzu 1992) fejn it-talba kienet semplicement sabiex jigi ikkonfermat il-Mandat kawtelatorju. Il-Qorti qalet li ma hemm ebda fondament legali li tintalab konferma tal-Mandat kawtelatorju stante li '*il-ligi trid li mandati simili jigu msahhin u imwettqa b'citazzjoni, <u>li tkun allura allacciata mal-pretensjoni tar-rikorrenti</u> u mhux ma' rikonferma ta' digriet già moghti fil-kaz ta' mandat jew mandati. Certament ghalhekk it-talba kif maghmula hija improponibbli ghax ma hijiex kontemplata mill-ligi*'.**

**"Illi dan gie kkonfermat f'diversi sentenzi fejn saru talbiet sabiex jigi ikkonfermat in perpetwu mandat ta' inibizzjoni *sic et simpliciter* inkluzi fil-kawzi *Connie mart Anthony Galea vs Joseph Gauci* (P.A. AJM 4 ta' Ottubru 1993) li sostniet illi '*tali talba attrici ma hijiex permessa fil-ligi taghna billi twassal ghall-inibizzjoni***

***perpetwa tal-konvenut milli jaghmel dak imsemmi fil-mandat minghajr ma jigi stabbilit jekk l-attur ghandux il-jedd, li irrizulta prima facie pruvat fil-proceduri tal-mandat*'. Tali sentenza *C. Galea vs J. Gauci* giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru 1997 anke peress li irrizulta li l-atturi iddeducew il-pretensjoni taghhom b'kawza separata, u ghalhekk ma kienx hemm bzonn konferma tal-mandat billi dan jibqa' *in vigore* sakemm tigi deciza l-pretensjoni tal-atturi.**

**"Illi l-istess sentenzi gew ikkonfermati fil-kawzi *George Giordmaina vs Kristinu Giordmaina* (P.A. GV 7 ta' Novembru 1995); *Michael Axisa vs Grazio Patiniott* (P.A. M 21 ta' Marzu 1996) u dan dejjem fuq il-bazi li '*l-ligi ma tikkontemplax il-possibilità ta' mandat kawtelatorju permanenti*', *Louis Camilleri vs Dr. John C. Grech nomine* (G.V. 9 ta' Jannar 1997).**

**"Illi fil-kawza tal-Appell *Mary Grace Farrugia vs Stephen Farrugia et* deciza fit-30 ta' Mejju 1997, gie wkoll enuncjat illi dak li intqal fis-sentenzi *Joseph Gasan vs Nicola Spiteri* (App. 28.06.48 - XXXIII.i.665) u *Marco Bongailas vs John Magri et* (27.6.1995, P.A.) li '*id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu ma hemmx bzonn li jsiru taht forma ta' domandi jimplika biss li certi dikjarazzjonijiet ma hemmx bzonn li jsiru taht forma ta' domandi. Fil-kaz odjern non si tratta ta' nuqqas ta' dikjarazzjonijiet li jwasslu ghad-domanda izda nuqqas tad-domanda stess*'.**

**"Illi l-ahhar sentenza li nghatat fuq dan il-punt kienet dik tal-istess Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet *Adrian de Haan nomine vs Dr. Tonio Farrugia et nomine*. fejn il-kawza kienet talba sabiex il-konvenuti jigu inibiti definittivament milli jbieghu il-proprjetà hemm indikata u dan sabiex id-drittijiet tal-atturi fuq konvenju ma jigux pregudikati, u dwar l-istess inghad li tali talba '*id-dritt pretiz ma huwiex specifikat izda hemm referenza generika ghad-drittijiet stipulati fil-konvenju, u di più fit-talbiet ma***

***kien hemm ebda terminu ghal tali inibizzjoni*****'. Di più, tali nuqqas imur kontra l-Artikolu 156(1)(a) ghaliex ma hemmx tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba.**

**"Illi apparti dak premess it-tielet eccezzjoni tas-socjetà *Tlata Limited* fejn jinghad li tali talba hija ta' natura petitorja stante li tirrikjedi li l-atturi jippruvaw it-titolu taghhom hija guridikament korretta stante li minn dak fuq espost jidher li tali talba konsegwenti ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, apparti fiha innfisha hija proceduralment inkorretta trid necessarjament twassal ghad-determinazzjoni tad-dritt sostantiv li abbazi tieghu inhareg il-Mandat kawtelatorju, u ghalhekk tehtieg necessarjament ezami ta' dak li huwa dritt petitorju, li jikkuntrasta sew mal-azzjoni ta' spoll ittentata mil-atturi u mal-principji fuq esposti, bil-konsegwenza li tali talba hija nkompatibbli guridikament mal-azzjoni ta' spoll, u ghalhekk ir-raba' talba attrici ghandha tigi michuda. Illi fil-fatt l-ezami tad-determinazzjoni ta' drittijiet tal-atturi fuq l-istess ghalqa hija riservata ghal gudizzju separat, gjà fil-fatt istitwiet mill-atturi, u certament mhux f'din il-kawza."**

Rat ir-rikors ta' appell tas-socjetà konvenuta *F and A Quarries Limited* illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi s-sentenza tal-21 ta' Marzu, 2002 tigi varjata fis-sens illi filwaqt illi tigi konfermata fejn cahdet ir-raba' (4) talba attrici u laqghet it-tielet (3) eccezzjoni tas-socjetà appellanti, tigi mhassra, revokata u kancellata fejn cahdet l-eccezzjoni tas-socjetà appellanti u fejn laqghet il-kumplament tat-talbiet attrici fil-konfront taghha u konsegwentement jigu michuda t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetà appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati;

Rat ir-rikors ta' appell l-iehor, cioe` tas-socjetà konvenuta *Tlata Limited* illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi, filwaqt illi tigi konfermata dik il-parti tas-sentenza appellata fejn giet michuda ir-raba' (4) talba ta' l-atturi, tigi modifikata s-sentenza appellata billi jigu milqugha l-

eccezzjonijiet kollha tas-socjetà appellanti billi jigu michuda l-ewwel tlett (3) talbiet ta' l-atturi fil-konfront taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti (*sic*);

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellati ghaz-zewg rikorsi ta' appell hawn fuq imsemmija illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi l-appelli ghandhom jigu michuda bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjetajiet appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjetà appellanti *F & A Quarries Limited* avanzat aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata, dak illi hija ma kkommettietx l-att spoljattiv lamentat mill-atturi. Il-kliem testwali tar-rikors ta' appell illi jirrigwarda dan l-aggravju huwa s-segwenti (fol. 202):
"… Il-provi juru ampjament illi s-socjetà appellanti *F & A Quarries* ma kellha ebda involviment fix-xoghol ta' skavar fis-sit mertu ta' din il-kawza. In effetti s-socjetà appellanti kienet ghaddiet din il-proprjetà lil *Falzon and Schembri Limited*. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda mismu[g]ha *viva voce* u kif ukoll mill-*affidavit* ta' Gaetano Abdilla u l-kuntratt esebit ma' l-istess *affidavit* bhala Dok K";

Dina l-Qorti hija tal-fehma illi l-provi prodotti jissuffragaw dak espost mis-socjetà appellanti *F & A Quarries Limited* fis-silta appena citata mir-rikors ta' appell taghha. Infatti, mill-kuntratt imsemmi f'din is-silta, illi kopja tieghu hija esebita a fol. 69 sa 76 tal-process, jirrizulta illi l-imsemmija socjetà appellanti kienet ittrasferiet lil terzi l-barriera konfinati l-art illi fuqha gie kommess l-ispoll lamentat mill-atturi cirka tmien (8) xhur qabel ma avvera ruhu l-istess spoll. Tajjeb illi jinghad f'dan ir-rigward illi l-provi prodotti jindikaw illi l-istess spoll gie kommess sabiex - fost ragunijiet ohra - min ikkommettih ikun jista' jaccedi b'aktar facilità fl-imsemmija barriera u sabiex l-art in kwistjoni tkun

tista' isservi wkoll bhala barriera. Inoltre, fil-fehma ta' dina l-Qorti, wiehed mill-fatturi principali illi induca lill-ewwel Qorti sabiex fis-sentenza appellata tikkonkludi illi s-socjetà appellanti kkommettiet l-ispoll in kwistjoni huwa dak illi mill-atti processwali jirrizulta illi qal ix-xhud Paul Vella immedjatament qabel ma gie kontroezaminat mid-difensur ta' l-atturi waqt l-udjenza tas-sebgha (7) ta' April, 2000. Dan ix-xhud - il-persuna inkarigata sabiex taghmel ix-xoghol ta' thammil fl-art in kwistjoni - jidher illi qal hekk (fol. 92):
"Ghandi nghid però illi mir-registri taghna, cioè tieghi jirrizulta illi l-hlas ta' dan [*sic*] il-bicca xoghol sar minn *F & A Quarries*" (sottlinear ta' dina l-Qorti);

Dwar din is-silta mid-depozizzjoni tax-xhud Paul Vella s-socjetà appellanti *F & A Quarries Limited* issottomettiet hekk fir-rikors ta' appell taghha (fol. 203):
"Il-Qorti jidher … li giet sgwidata mill-ahhar parti tax-xhieda tieghu [ta' Paul Vella] meta dan xehed illi 'Ghandi nghid però illi mir-registri taghna, cioè tieghi jirrizulta illi l-hlas ta' dan il-bicca xoghol sar minn *F & S Quarries*.

"Illi mill-process jidher illi wara li din ix-xhieda giet dattilografata saret marka bl-ahmar biex il-kliem *F & S Quarries* giet irrangata [*sic*] biex taqra *F & A Quarries* u jidher li l-ewwel Qorti hasbet illi l-hlas kien sar mis-socjetà appellanti. Meta x-xhud semma *F & S Quarries* huwa ovvju li ried jirreferi ghal kumpanija ohra li m'ghandha xejn x'taqsam ma' *F & A Quarries Limited*";

Inoltre, permezz ta' nota pprezentata fl-istess gurnata illi fiha gie intavolat ir-rikors ta' appell in ezami, is-socjetà appellanti esebiet il-kopja illi kellha f'idejha tat-traskrizzjoni dattilografata ta' l-imsemmija depozizzjoni tax-xhud Paul Vella. Minn din il-kopja jirrizulta illi dak illi veramment qal dan ix-xhud huwa:
"Ghandi nghid però illi mir-registri taghna, cioè tieghi jirrizulta illi l-hlas ta' dan il-bicca xoghol sar minn *F & S Quarries*" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Huwa sinjifikattiv illi permezz tal-kuntratt dokument K hawn fuq imsemmi (fol. 69 sa 76) is-socjetà appellanti *F &*

*A Quarries Limited* bieghet is-sehem taghha mill-barriera konfinanti l-art in kwistjoni lis-socjeta` *Falzon and Schembri Limited*. Dina l-Qorti hija konvinta illi meta x-xhud Paul Vella irrefera ghas-socjetà kummercjali illi hallsitu ghax-xoghol ta' thammil huwa indikaha bhala *F & S Quarries* u illi din is-socjetà ma hija xejn hlief *Falzon and Schembri Limited*;

Minn dak illi inghad sa issa - kif ukoll mill-kumpless tal-provi prodotti - dina l-Qorti tikkonkludi illi l-aggravju hawn fuq imsemmi tas-socjetà appellanti *F & A Quarries Limited* huwa fondat. Konsegwentement, hemm lok ghall-akkoljiment ta' l-appell ta' din is-socjetà;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tas-socjetà appellanti *Tlata Limited* kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
(1) Fi kliem ir-rikors ta' appell:

"… fl-ewwel lok illi ma giex ippruvat b'ebda mod illi s-socjetà appellanta [*sic*] *Tlata Limited* ikkommettiet hija stess spoll. Filwaqt illi s-socjetà appellanta ghandha kull dritt li tezercita d-drittijiet ta' ko-propjetarja fl-art in kwistjoni, u li flimkien ma' socjetajiet ohra kellha ghal zmien twil hafna pussess fl-art in kwistjoni, ma saret ebda prova li kienet hija stess li ghamlet xi att li jikkonsisti fi spoll" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

(2) Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta' appell:
"… huwa … legalment intenibbli [*sic*] li persuna guridika tkun tista' tikkommetti azzjoni fizika li tkun tista' tikkostitwixxi tnehhija ta' detenzjoni jew pussess. Din it-tip ta' azzjoni tista' ssir biss minn persuni fizici u mhux minn persuni morali";

(3) Illi l-azzjoni attrici saret tardivament;

(4) Illi l-ewwel Qorti iddecidiet *ultra petita*;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti ma tistax ma timmeraviljax ruhha kif is-socjetà appellanti *Tlata Limited* avanzat l-ewwel (1) aggravju taghha ghaliex, filwaqt illi mill-att ta' citazzjoni jirrizulta illi l-atturi qed jallegaw illi l-att spoljattiv minnhom lamentat jikkonsisti fit-thammil ta' l-art in kwistjoni, fil-paragrafu enumerat sitta (6) tad-dikjarazzjoni akkompanjanti n-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta *Tlata Limited* - liema dikjarazzjoni giet konfermata bil-gurament mill-konvenut Paul Falzon - jinghad hekk, fost affarijiet ohra (fol. 14):

"Kull ma ghamlet is-socjetà eccipjenti hi li naddfet l-art mit-terrapien li kien hemm fiha u mill-iskart li terzi persuni kienu tefghu fiha" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dina l-Qorti ma tezitax illi tghid illi t-tindif ta' "l-art mit-terrapien", ammess mis-socjetà *Tlata Limited*, jekwipara ghat-"thammil ta' l-art" illi jikkostitwixxi l-att spoljattiv meritu tal-kawza odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) aggravju tas-socjetà konvenuta *Tlata Limited* ma jistax jigi kunsidrat ghaliex dak illi qed jigi sottomess permezz tieghu jammonta ghal eccezzjoni illi setghet tigi avanzata biss quddiem l-ewwel Qorti. Ma hemm ebda dubbju illi l-imsemmija socjetà ma ressqitx tali eccezzjoni fl-istadju opportun tal-proceduri;

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx wisq x'jinghad dwar it-tielet (3) aggravju tas-socjetà appellanti *Tlata Limited*. In sostenn ta' dan l-aggravju, din is-socjetà issottomettiet hekk fir-rikors ta' appell taghha (fol. 216):

"Jirrizulta illi dan ix-xoghol [ta' thammil] kien sar ghall-habta tas-sena 1993 u mhux kif allegat mill-atturi f'Settembru 1995";

Sabiex jintwera kemm din is-sottomissjoni hija bla bazi huwa sufficjenti illi tigi hawn citata s-segwenti silta mid-

depozizzjoni ta’ Paul Vella illi, kif già inghad, kien gie inkarigat sabiex jaghmel l-imsemmi xoghol ta’ thammil (fol. 91):

“Ghandi nghid illi Pawlu Falzon li qieghed nara fl-awla kien qabbadni biex naghmel xoghol bil-*bulldozer* biex in[n]addaf il-barriera maghrufa bhala ‘Ta’ Gebel Ciantar’. … Ix-xoghol li qieghed nirreferi ghalih jiena li ghamilt bil-*bulldozer* kien ezegwit f’Settembru tas-sena 1995” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi, permezz tar-raba’ (4) aggravju taghha, s-socjetà appellanti *Tlata Limited* qed issostni illi l-ewwel Qorti iddecidiet *ultra petita* ghaliex, fi kliem ir-rikors ta’ appell (fol. 216):
“Jigi rilevat illi fis-sentenza l-ewwel Onorabbli Qorti marret lil hinn minn dak mitlub mill-atturi fis-sens illi filwaqt li l-attur[i] ilmentaw biss illi l-konvenuti hammlu l-ghalqa mill-hamrija, il-fatt li l-atturi stess qed jillimitaw [*recte*: jilmentaw] li l-ispoll kien jikkonsisti biss f’dan u cioè thammil tal-ghalqa mill-hamrija, l-ewwel Onorabbli Qorti ma llimitatax id-decizjoni taghha ghal dan l-ispoll lamentat fic-citazzjoni mill-atturi izda mmarret [*recte*: marret] *ultra* u estendiet l-ispoll ghat-twaqqigh ta’ dura, tnehhija ta’ mansab, ghal qtugh ta’ blat u reintegrazjoni tal-access, meta dawn tal-ahhar ma kienux oggett tal-azzjoni tal-ispoll”;

Sabiex jigi kunsidrat dan l-aggravju tajjeb illi jigi konstat is-segwenti:

1. fil-premessi ta’ l-att ta’ citazzjoni l-atturi, fost affarijiet ohra, qalu hekk:
“Peress illi fil-5 ta’ Settembru 1995 l-intimati [*sic*] jew persuni minnhom mqabbda b’mod abbuziv qabdu u dahlu fl-art in kwistjoni w bdew iham[m]luha mill-hamrija li hemm fl-ghalqa;

Peress illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll tad-drittijiet tal-atturi …”;

2. permezz tat-tieni (2) talba taghhom l-atturi talbu lill-Qorti sabiex:

"tikkundanna lill-konvenuti jirripristinaw l-ghalqa Ta' Gebel Ciantar … fl-istat pristinu taghha …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

3. fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti laqghet it-tieni (2) talba attrici u kompliet tipprovdi dwarha fit-termini segwenti:

"Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti *Tlata Limited* u *F & A Quarries Limited* jirripristinaw l-ghalqa ta' Gebel Ciantar … fl-istat pristinu taghha u dan billi jergghu jaghmlu fl-istess ghalqa d-dura u l-mansab li kien hemm u b'dan li l-wicc tal-istess art jerga' jitqieghed kif kien qabel ma thammel u inqata' l-blat mis-socjetajiet konvenuti, u wkoll jerga' jigi reintegrat l-access li l-istess atturi kellhom ghall-istess ghalqa …" (sottlinear ta' dina l-Qorti);

Dan konstatat, sabiex jigi determinat l-aggravju in ezami, hemm bzonn twegiba ghad-domanda: Meta l-ewwel Qorti ipprovdiet kif hawn fuq riportat dwar it-tieni (2) talba attrici iddecidiet *ultra petita*? Ir-risposta hija definittivament fin-negattiv ghaliex:

(a) mill-provi prodotti jirrizulta illi, sabiex sar - jew fil-process ta' - it-thammil lamentat mill-atturi fl-att ta' citazzjoni:

(i) tnehha l-access illi l-atturi kellhom ghall-art in kwistjoni (fol. 34);

(ii) giet demolita d-dura u gie distrutt il-mansab illi kien hemm fl-istess art (fol. 27);

(iii) sar tqattigh ta' blat f'wicc l-istess art (fol. 92);

(b) sabiex l-art in kwistjoni tigi ripristinata jehtieg illi:

(i) l-atturi jinghataw mill-gdid access ghall-art in kwistjoni;

(ii) tigi rikostruita d-dura u jitpogga' l-mansab;

(iii) il-wicc ta' l-art in kwistjoni jingieb fl-istat illi kien qabel ma gie kommess l-ispoll;

Ghalhekk, huwa evidenti illi l-ewwel Qorti ma ddecidietx *ultra petita* u illi, konsegwentement, ir-raba' (4) aggravju tas-socjetà appellanti *Tlata Limited* mhux fondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa' l-appell interpost mis-socjetà konvenuta *F & A Quarries Limited* izda tichad l-appell interpost mis-socjetà konvenuta *Tlata Limited* u, konsegwentement, tirriforma s-sentenza appellata billi:

(1) tirrevokaha kwantu cahdet l-eccezzjoni tas-socjetà konvenuta *F & A Quarries Limited* u, minflok, tilqa' l-istess eccezzjoni, b'dan illi tiddikjara illi mhux il-kaz illi l-istess socjetà tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

(2) tirrevokaha kwantu laqghet l-ewwel tliet (3) talbiet attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta *F & A Quarries Limited* u, minflok, tichad l-istess talbiet fil-konfront ta' din is-socjetà;

(3) tirrevokaha kwantu pprovdiet dwar il-kap ta' l-ispejjes;

(4) tikkonfermaha ghall-kumplament b'dan illi t-terminu ta' tmenin (80) gurnata stabbilit ghall-finijiet tat-tieni (2) talba ghandu jibda jidekorri mill-lum;

Tordna illi l-ispejjes tas-socjetà konvenuta *F & A Quarries Limited*, kemm ta' l-ewwel (1) u kemm ta' din l-istanza jigu sopportati mill-atturi u illi l-ispejjes ta' l-atturi u tas-socjetà konvenuta *Tlata Limited* ta' l-ewwel istanza u ta' l-appell interpost mill-ahhar imsemmija socjetà jigu sopportati mill-istess socjeta` Tlata Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------